

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ottubru 2015 – Teughels vs Il-Kummissjoni(Kawża T-131/14 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Appell incidental — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet miksuba taħt skema ta' pensjoni nazzjonali — Proposti ta' akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz — Att li ma jikkawżax preġudizzju — Inammissibbiltà ta' rikors fl-ewwel istanza — Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal”)

(2015/C 398/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Catherine Teughels (Epegem, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Vogel u B. Braun, avukati)

Parti l-oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Qorti Plenarja) tal-11 ta' Diċembru 2013, mogħtija fil-Kawża F-117/11, Teughels vs Il-Kummissjoni (F-117/11, Ġabra, EU:F:2013:196), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (Qorti Plenarja) tal-11 ta' Diċembru 2013, Teughels vs Il-Kummissjoni (F-117/11), hija annullata.
- 2) Ir-rikors ippreżentat minn Catherine Teughels quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-kawża F-117/11 huwa miċħud.
- 3) Catherine Teughels għandha tbat i-ispejjeż tagħha fl-ewwel istanza kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea relatati mal-appell. Il-Kummissjoni għandha tbat i-ispejjeż tagħha relatati mal-appell incidental.
- 4) Catherine Teughels kif ukoll il-Kummissjoni għandhom ibatu i-ispejjeż tagħhom relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 159, 26.5.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ottubru 2015 – Atlantic Multipower Germany vs UASI – Nutrichem Diät + Pharma (NOxtreme)(Kawża T-186/14) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali NOxtreme — Trade marks Komunitarja u nazzjonali figurattivi preċedenti X-TREME — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 — Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2015/C 398/57)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Atlantic Multipower Germany GmbH & Co. OHG (Hambourg, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Berlit, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: – Nutrichem Diät + Pharma GmbH (Roth, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Jochim u R. Egerer, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Jannar 2014 (Każ R 764/2013-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Atlantic Multipower Germany GmbH & Co. OHG u Nutrichem Diät + Pharma GmbH.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Atlantic Multipower Germany GmbH & Co. OHG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 142, 12.5.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ottubru 2015 – Sonova Holding vs UASI (Flex)

(Kawża T-187/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Trade mark Komunitarja verbali FLEX — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) u Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2015/C 398/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sonova Holding AG (Stäfa, l-Isvizzera) (rappreżentant: C. Hawkes, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Diċembru 2013 (Każ R 357/2013-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali FLEX bħala trade mark Komunitarja.